MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 131/2003

**Middle Sea Insurance p.l.c.
surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Andrew Delia**

**vs**

**Francesco Cutajar**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u disgha u sittin lira Maltin u tletin centezmu (Lm1,569.30), jew somma verjuri, rapprezentanti danni mgarrba fil-vettura ADO-001 li thallsu mis-socjeta' attrici wara ncident awtomobilistiku li gara fit-12 ta' Marzu, 2001, fi Aldo Moro Street, Marsa, waqt li din il-vettura kienet qed tinstaq mill-assikurat tas-socjeta' attrici Andrew Delia u l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura GAE-304.

Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, u interessi mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata fit-28 ta' Frar, 2003, kontra l-assikuraturi tal-konvenut, liema konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il- konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-5 ta' Mejju, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------